Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

Il-Każ M.9711 — Alliance Healthcare Deutschland/Gehe Pharma Handel

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 235/05)

1. Fl-10 ta' Lulju 2020, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Alliance Healthcare Deutschland AG (il-Ġermanja), ikkontrollata minn Wallgreens Boots Alliance, Inc. (l-Istati Uniti tal-Amerika)

— Gehe Pharma Handel GmbH (il-Ġermanja), ikkontrollata minn McKesson Corporation (l-Istati Uniti tal-Amerika)

Alliance takkwista, fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Għaqdiet il-kontroll tat-totalità ta' Gehe.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Alliance hija kumpanija grossista farmaċewtika, attiva prinċipalment fil-Ġermanja.

— Gehe hija kumpanija grossista farmaċewtika, attiva prinċipalment fil-Ġermanja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li dejjem tiġi speċifikata din ir-referenza:

M.9711 — Alliance Healthcare Deutschland/Gehe Pharma Handel

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-posta elettronika, bil-faks jew bil-posta. Int mitlub tuża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks:+32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (Ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").